# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 13 ta' Frar tas-sena 2002.**

**Numru 5**

**Avviz numru 3/02/SM**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Rite Mix (Gatt Bros) Ltd.**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, erba' mija u disgha u sittin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmi, (LM2,469.42,0) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' hsara huma kkagunaw fuq cables u infrastruttura tas-socjeta' Maltacom p.l.c. f'Imdina Road, Qormi f'Jannar 2000 jew data ohra verjuri, skond kont lilhom mibghut datat 30 ta' Gunju, tas-sena elfejn;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma deheritx, la fil-5 ta' Frar tas-sena 2002 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**